



Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Novembru 2017 –
Aranyosi**

(Kawża C-496/16)¹

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI — Mandat ta' arrest Ewropew — Raġunijiet ta' rifjut ta' eżekuzzjoni — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 4 — Projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti — Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru tal-ħruġ — Annullament tal-mandat ta' arrest Ewropew mill-awtorità ġudizzjarja ta' ħruġ — Kwistjoni ta' natura ipotetika — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”

Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Domandi ġenerali jew ipotetiċi — Mistoqsijiet dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew — Annullament tal-imsemmi mandat — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni

(Artikolu 267 TFUE)

(ara l-punti 22-29)

Dispożittiv

Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2016.

¹ ĠU C 475 tad-19.12.2016.